# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 17**

**Rikors numru 7/2019/1 TA**

**Anthony Mario Vella**

***v*.**

**Reġistratur tal-Qrati; u b'dikriet tas-6 ta' Jannar 2020 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fis-16 ta' Settembru 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u bħala rimedju kkundannat lill-appellant iħallas

kumpens ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur bħala direttur u f'isem is-soċjetà *Chequers' Inn Operators Limited* kien fetaħ kawża ta' spoll fl-ismijiet Anthony Mario Vella *noe v.* Francis Galea *et* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1994. Il-kawża nqatgħet fl-ewwel grad favur is-soċjetà tal-attur b'sentenza tal-4 ta' Marzu 2011 iżda l-konvenuti appellaw. B'sentenza tal-24 ta' Frar 2012 il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza: ikkonfermata safejn l-ewwel qorti kienet sabet illi l-konvenuti wettqu spoll iżda ħassritha fejn ordnat ir-redintegrazzjoni tas-soċjetà attriċi "peress li dan mhux possibbli minħabba l-fatt li l-bini fuq l-art hija llum proprjetà ta' terzi mhux parti fil-kawża".

3. L-attur igħid illi dewmien ta' tmintax-il sena biex tinqata' kawża ta' spoll – li min-natura tagħha għandha tinqata' fi żmien qasir – huwa bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, aktar u aktar meta tqis illi minħabba f'dan id-dewmien ma setax jingħata r-rimedju tar-redintegrazzjoni. Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tiddikjara li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu, tagħti rimedji xierqa u tikkundanna lill-konvenuti jħallas danni għal dan il-ksur.

4. L-ewwel qorti, wara li ħelset lir-Reġistratur tal-Qrati mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet tal-attur, iddikjarat illi ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu u kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) bl-imgħax u bl-ispejjeż ħlief dawk tar-Reġistratur tal-Qrati, li għandu jħallashom l-attur. Fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni:

»Il-qorti sejra issa tindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kjamat in kawża l-Avukat tal-Istat. Permezz tagħha qed tiġi sollevata n-nuqqas ta' *victim status* tar-rikorrent. Dan minħabba li fil-proċeduri fl-ismijiet Anthony Mario Vella *nomine v.* Francis S. Tarcisio Galea *pro et noe* (ċit. nru. 90/1994), huwa ma kienx parti fihom f'ismu proprju.

»… … …

»Ma ngħatat ebda eċċezzjoni fis-sens li r-rikorrent ma għandux interess ġuridiku. Imma anke li kieku, il-qorti tfakkar li ninsabu fil-kamp kostituzzjonali. Meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent spjega li din kienet kumpannija tiegħu biss u kull dejn li kellha kien qed jagħmel tajjeb għaliha hu bil-proprjetà immobbiljari tiegħu, fosthom id-dar tiegħu li tilef.

»F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-qorti tħoss li x-xorta ta' interess ġuridiku li jeħtieġ *ai fini* ta' azzjoni kostituzzjonali ma hux dak meħtieġ f'kawżi ta' natura ċivilistika. Xi interess irid dejjem ikun hemm u jrid ikun wieħed li jirrifletti direttament fuq l-interessi tal-persuna.

»X'interess għandu jkun hemm aktar minn meta persuna personalment tkun preġudikata minħabba danni li sofriet kumpannija, bih bħala *sole shareholder*, u li għaliha qed jagħmel tajjeb bi ħwejġu personali! Għall-grazzja tal-argument jekk tkun kumpannija ssir defunta, u l-*ex*-soċji li jiskopru li l-kumpannija inkwistjoni sofriet danni kawżati mill-istat, allura dawn ma jistgħux jittentaw kawża kostituzzjonali minkejja li l-kumpannija ma għadhiex tesisti!

»Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, in kwantu bbażata unikament fuq l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni, ma tistax tintlaqa'. … … … l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni ġie eskluż mill-Kap. 319 u għalhekk mhux parti mil-liġi ta' Malta. Il-qorti sejra għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni u tgħaddi issa biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali … … …

»Id-*dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien f'dawn il-proċeduri ċivili lmentati mir-rikorrenti bdew jiddekorru mid-data li fiha ġew istitwiti, jiġifieri l-25 ta' Jannar 1994. … … …

»… … … id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva u finali u eżegwita. Għalkemm fil-proċeduri hawn attakkati l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel qorti fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi u dikjarat li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti, ma kien hemm xejn x'jiġi eżegwit billi, kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell stess, ir-reintegrazzjoni ma kienx possibbli "minħabba l-fatt li l-bini fuq l-art hija llum proprjetà ta' terzi mhux parti fil-kawża". F'dan il-każ għalhekk iż-żmien rilevanti jibqa' jitkejjel sad-data li fiha ġiet mogħtija sentenza finali mill-Qorti tal-Appell, jiġifieri l-24 ta' Frar 2012.

»Jirriżulta għalhekk li l-proċeduri ħadu tmintax-il sena u xahar nieqes ġurnata żmien biex jiġu konklużi.

»Huwa veru li l-qorti ewropea ma preskrivitx terminu oġġettiv ta' żmien li kawża tista' tieħu biex tiġi konkluża fiż-żmien raġjonevoli. Tabilħaqq, minflok ma għamlet dan, il-qorti ewropea stabbiliet li l-kejl tar-raġjonevolezza taż-żmien għandu jitqies wara li jiġu applikati l-erba' kriterji għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, jew wara valutazzjoni ġenerali meta dawn il-kriterji jkunu intimament relatati. Madankollu, … … … jirriżulta mill-istudju li wettqet is-*CEPEJ* li l-itwal ħin aċċettat mill-

qorti huwa rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snien ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijorità li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-qorti sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas min sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. L-uniċi każijiet li fihom il-qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba tal-applikant kienet fattur ewlieni.

»Il-kawża ta' spoll kellha tkun indubbjament meqjusa bħala kawża ta' prijorità. … … … Is-sens ta' immedjatezza u urġenza f'kawża bħal din ta' spoll toħroġ mill-istess liġi li tirregola din l-azzjoni: l-artikolu 535 tal-Kap. 16 u l-artikolu 791 tal-Kap. 12 jiffissaw terminu ta' xahrejn li fiha din l-azzjoni trid tiġi istitwita. Dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u għalhekk lanqas biss huwa suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni. *Di più* l-artikolu 791 tal-Kap. 12 jipprekludi l-konvenut f'kawża ta' spoll milli jagħti eċċezzjonijiet fil-mertu qabel ma jkun wettaq ir-reintegrazzjoni fid-detenzjoni jew pussess. Tant kawżi ta' spoll huma meqjusa bħala proċeduri ta' natura urġenti li fil-fatt jingħataw priorità fuq kawżi oħra (ara regolament 9(ii) L.S. 12.09), anke fi stadju ta' appell.

»Huwa għalhekk evidenti li dewmien ta' tmintax-il sena u xahar neqes ġurnata f'kawża ta' spoll, li hija kawża li kellha tingħata priorità u għalhekk kellha tiġi stradata b'diliġenza speċjali, huwa bla dubju inordinatament twil u in eċċess ta' dak raġjonevolment meħtieġ sabiex il-ġustizzja tiġi amministrata b'mod tajjeb u xieraq a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

»… … … biex il-qorti ma ssibx l-istat ħati ta' ksur tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli minkejja dan id-dewmien manifest u eċċessiv tal-proċeduri hawn ilmentati, hija trid issib li l-imġieba tar-rikorrenti kienet fattur ewlieni ta' dan id-dewmien.

»Difatti, … … … l-istat ma jinżammx responabbli għal dewmien ikkawżat b'riżultat tal-aġir tal-parti li qed tilmenta. Dan peress li l-kondotta tal-parti msemmija tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu.

»Mill-atti proċesswali tal-ispoll, jirriżulta li l-provi attriċi ngħalqu wara dewmien manifest ta' ħdax-il sena u kważi xahrejn. Dan konsegwenza ta' differimenti inutli mitluba mill-istess difiża tar-rikorrenti *noe* fuq ir-raġunijiet segwenti:

»1. li trid tirregola ruħha (ara verbali 23 ta' Ġunju 1994 *a fol.* 20; 31 ta' Ottubru 1994 *a fol.* 21; 16 ta' Jannar 1995 *a fol.* 22; 27 ta' Frar 1995 *a fol.* 23; u 22 ta' Settembru 1995 *a fol.* 24);

»2. li qed tfittex possibilità ta' tranaazzjoni (ara verbali 27 ta' Novembru 1995 *a fol.* 25; 26 ta' Frar 1996 *a fol.* 26; 16 ta' Mejju 1996 *a fol.* 27; 24 ta' Ottubru 1996 *a fol.* 28; 19 ta' Jannar 1998 *a fol.* 34; 2 ta' April 1998 *a fol.* 35; 22 ta' Ġunju 1998 *a fol.* 36; 15 ta' Ottubru 1998 *a fol.* 37; 18 ta' Jannar 1999 *a fol.* 38);

»3. li trid iktar żmien biex tipproduċi l-provi tagħha (ara verbali 20 ta' Jannar 1997 *a fol.* 29; 14 ta' Ottubru 1997 *a fol.* 33; 25 ta' Mejju 1999 *a fol.* 39; 21 ta' Jannar 2000 *a fol.* 41; 19 ta' Ottubru 2000 *a fol.* 47; 8 ta' Marzu 2001 *a fol.* 48; 5 ta' Lulju 2001 *a fol.* 49; 29 ta' Jannar 2002 *a fol.* 50; 21 ta' Mejju 2002 *a fol.* 51; 14 ta' Ottubru 2002 *a fol.* 52; 5 ta' Mejju 2003 *a fol.* 53; 2 ta' Ottubru 2003 *a fol.* 54; 11 ta' Mejju 2004 *a fol.* 77);

»4. li l-avukat difensur tar-rikorrenti *noe* ma deherx, daqqiet mingħajr spejgazzjoni u daqqiet għax kien imsiefer (23 ta' Mejju 1997 *a fol.* 32; 25 ta' Ottubru 1995 *a fol.* 40; 26 ta' Frar 2004 *a fol.* 76).

»Il-proċeduri tal-ispoll komplew jkunu afflitti minn iktar dewmien konsegwenza ta' ħafna differimenti moħlija fi stennija inutli sabiex l-avukat tar-rikorrenti *noe* jiddeċiedi jippreżenta n-nota ta' sotto-missjonijiet (11 ta' April 2006 *a fol.* 124; 1 ta' Diċembru 2006 *a fol.* 127; 12 ta' Frar 2007 *a fol.* 128; 16 ta' Arpil 2007 *a fol.* 129; 15 ta' Ottubru 2007 *a fol.* 131; 26 ta' Novembru 2007 *a fol.* 133; 7 ta' April 2008 *a fol.* 135; 28 ta' April 2008 *a fol.* 136; 2 ta' Ġunju 2008 *a fol.* 137; 10 ta' Novembru 2008 *a fol.* 140).

»Madanakollu, … … … l-istat ma jistax jinħeba wara bl-imġieba tal-avukat tar-rikorrent *noe* sabiex jiġġustifika dak il-perjodu inordinata-ment twil u eċċessiv ta' inattività. Ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smiegħ tal-kawża taqa taħt l-imħallef (<u>Capuano *v.* Italy</u> § 30-31). L-ewwel qorti ma setgħetx tibqa' indifferenti għall-letraġija tal-avukat tar-rikorrenti *noe* tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni [*recte*, atteġġjament] tiegħu ma teżonerax lill-qorti mid-dmir tagħha li tikkonfoma mar-rekwiżit kostitutuzzjonali u konvenzjonali billi tiżgura s-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli. Dan iktar u iktar f'każ bħal dan ta' spoll li kellu jiġi indirizzat bi priorità, b'urġenza u għalhekk b'diliġenza speċjali. … … …

»Mill-analiżi tal-kondotta tal-ewwel qorti f'dan ir-rigward, joħroġ li hija ftit li xejn ħadet azzjoni u miżuri biex tħeġġeġ l-avukat tar-rikorrenti *noe* jwettaq b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tiegħu. Il-qorti setgħet tibqa' tesiġi li l-proċeduri jitkomplew irrispettivament mill-possibilità ta' transazzjoni. Dan peress li l-għotja ta' sentenza ma xxekkielx il-ħila tal-partijiet li jaslu fi ftehim bonarju mod ieħor. Il-Qorti kellha wkoll tesiġi li tgħaddi biex tisma' l-provi tal-konvenut f'każ li l-attur jonqos milli jipproduċi l-provi kollha li fadallu ferm qabel it-2 ta' Ottubru 2003.

»Il-qorti ma żammitx ma' dak dikjarat minnha fil-verbal tal-20 ta' Jannar 2000 (*a fol.* 41) u anke tad-19 t'Ottubru 2000 (*a fol.* 47) li tiddifferixxi l-kawża għall-provi tas-soċjetà attriċi għall-aħħar darba. Hija minflok baqgħet tiddiferixxi l-każ għal provi attriċi għal tliet snin oħra. Għalkemm fil-verbal tat-12 ta' Diċembru 2005 il-qorti ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni finali, għal xi raġuni qagħdet tistenna u tiddifferixxi l-kawża għal kważi tliet snin oħra sabiex l-avukat tar-rikorrenti *noe* jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Kien biss wara l-istedina tardiva li saret minnha fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2008 sabiex isiru trattazzjoni orali (*a fol.* 140) li fl-aħħar din saret fl-udjenza sussegwenti tat-23 ta' Frar 2009. Iżda, hekk kif ġie dikjarat dik inhar stess li saret it-trattazzjoni, il-lukanda in kwistjoni kienet ġà ġiet demolita u minflokha kien hemm blokk ta' appartamenti proprjetà ta' terzi (ara verbal *a fol.* 141). Id-dritt għar-reintegrazzjoni fil-pussess kien ġà għalhekk użurpat.

»Joħroġ ukoll mill-atti proċesswali tal-kawża li, matul iż-żmien kollu moħli fi stennija li tiġi preżentata n-nota ta' sottomissjonijiet sakemm minflok saret it-trattazzjoni orali, kien hemm ħames differimenti magħmula fuq ordni tal-ewwel qorti (ara verbali 13 ta' Ġunju 2006 *a fol.* 125; 23 ta' Novembru 2006 *a fol.* 126; 11 ta' Ġunju 2007 *a fol.* 130; 4 ta' Frar 2008 *a fol.* 134; 20 ta' Ottubru 2008 *a fol.* 139).

»Wara li saret it-trattazzjoni orali, il-kawża baqgħet fuq ordni tal-ewwel qorti tiġi differita għas-sentenza għal ftit iktar min sentejn sakemm din ingħatat fl-4 ta' Marzu 2011. Din il-qorti tagħraf li dawn id-differimenti ngħataw minħabba li l-ewwel qorti kienet tassew indisposta. Il-qorti tqis però li … … … f'din iċ-ċirkostanza l-istat kellu jidħol sabiex jindirizza l-kwistjoni b'mod li ma jħallix li jinħoloq dewmien fil-proċedimenti. Dan speċjalment f'kawża ta' spoll li hija kawża ta' natura urġenti.

»Din il-qorti għalhekk tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti safejn tirrigwarda dikjarazzjoni għal-leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu konvenzjonali u kostituzzjonali. Għaldaqstant sejra tgħaddi biex tqis it-talbiet rimedjali.

»… … …

»… … … it-talba għal kumpens bħala danni ċivili pretiża mir-rikorrenti fuq ir-raġuni li r-reintegrazzjoni fil-pussess m'għadhiex possibbli hija talba rimedjali li tista tiġi użufruwita fl-ordinarju quddiem qorti ta' kompetenza ċivili. Fis-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Novembru fl-ismijiet <u>John A. Said *et v.* L-Avukat Ġenerali</u> intqal:

> »"Illi kif jinghad fis-sentenza Q.K. <u>F. Said *et v.* l-Avukat Generali</u> deċiża fit-3 ta' Frar 2009 'ir-rimedju li tista' taghti l-Prim' Awla (kif ukoll din il-qorti) bħala rimedju għad-dewmien jista' jvarja minn sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni, għal danni morali jew, eċċezzjonalment, anke għal danni materjali'. F'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kompliet tispjega fir-rigward ta' kumpens: 'Madanakollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal-leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili. *Inoltre* ma jirriżultax li meta l-ewwel qorti llikwidat il-kumpens kellha f'moħħha li tkopri d-danni materjali partikolari kollha'."

»Fuq stregwa ta' dan it-tagħlim din il-qorti tħoss li għandha talloka kumpens morali biss. Dan qiegħed jingħad ukoll għaż-żmien twil li ġie sprekat tul il-proċeduri attakkati mir-rikorrent. Ir-rikorrent igħid li kien joqgħod fuq l-avukati tiegħu. Din il-qorti trid toqgħod fuq dak li jemerġi mill-atti u kull seduta moħlija allokata għar-rikorrent kienet seduta li kompliet ittawwal il-proċess inutilment. Din il-qorti ma tistax tagħmel id-distinzjoni li qed jagħmel ir-rikorrent peress li din ħaġa li tolqot biss ir-relazzjonijiet interni tiegħu mal-avukat li kien jippatroċinah. Jekk ra ġejja bit-tul seta' anke biddel l-avukat.

»Dwar x'kumpens morali għandu jitħallas ir-rikorrent din il-qorti ser timxi fuq dak li qalet l-*ECtHR* fis-sentenza fl-ismijiet <u>Pizzatti *v.* Italy</u>, ECHR 62361/00 deċiża 10 ta' Novembru 2004. F'din is-sentenza l-qorti tat indikazzjonijiet speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma likwid-azzjoni ekwa tad-danni sofferti kaġun dewmien eżaġerat fi proċeduri ġudizzjarji. Ġie ritenut fil-fatt illi somma ta' bejn elf euro u elf u ħames mitt euro għal kull sena li damu għaddejjin il-proċeduri, minn meta ġew intavolati sal-ġurnata li ġew riżolti b'sentenza finali, bħala l-figura bażi għall-kalkolu relevanti. Il-qorti tirrikonoxxi li mill-2004 għadda żmien biżżejjed biex tali kumpens ikun awmentat u tqis li somma ġusta tkun bejn elfejn u elfejn u ħames mija. Għalhekk il-qorti ser timxi fuq din il-gwida.

»Il-kawża damet 18-il sena. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti tħoss li l-ammont ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) huwa ġustifikabbli. Fid-determinazzjoni tad-danni morali dovut lir-rikorrenti, il-qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-kondotta xejn attiva min-naħa tal-avukat tar-rikorrenti biex jitħaffu l-proċeduri. Dan peress li … … … tali kondotta "għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens" dovut.«

5. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tat-23 ta' Settembru 2021 li għalih l-attur wieġeb fil-25 ta' Ottubru 2021.

6. L-aggravji tal-appell huma erbgħa:

»1. l-appellat ma kellux l-interess ġuridiku neċessarju biex jippromwovi l-kawża, u ma setax jitqies li għandu *victim status* – għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti kellha tintlaqa';

» l-onorabbli prim'istanza ma tatx piż suffiċjenti lid-dewmien ikkawżat mill-appellat *nonostante* li wriet konsapevolezza ta' dan – tant hu hekk illi l-konklużjoni tagħha ma tirrifletti xejn id-dewmien ikkawżat mill-appellat stess;

» … … … il-kumpens mogħti ma jirriflettix il-kontribuzzjoni [*recte*, il-kontribut] tal-appellat għad-dewmien;

» l-ispejjeż kellhom jiġu temperati, *de minimis*.«

7. L-appellant kompla fisser l-ewwel aggravju hekk:

»L-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti kienu proprju dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-appellat; u li minħabba tali nuqqas ma jikkwalifikax fl-i*status* ta' vittma biex juzufruwixxi mir-rimedju kostituzzjonali.

»L-ewwel eċċezzjoni taqra testwalment kif ġej:

> »"Illi qabel xejn l-esponent jqis li r-rikorrent Anthony Mario Vella ma jistax jilmenta bl-allegat dewmien fil-proċeduri fi-ismijiet Anthony Mario Vella *nomine v.* Francis S. Tarcisio Galea *pro et noe* (ċit. nru 90/1994) għaliex huwa ma kienx parti fihom f'ismu proprju. Jigi b'hekk li r-rikorrenti ma jistax jgħodd lilu nnifsu bħala vittma ta' dawk il-proċeduri ċivili."

»Għandu jirrizulta ċar u ampju li din l-eċċezzjoni tqajjem il-kwistjoni ta' interess, u mhux, kif riportat erronjament fis-entenza appellata, "Ma ngħatat ebda eċċezzjoni fis-sens li r-rikorrent ma għandux interess guridiku". Meta l-eċċezzjoni tgħid li parti ma tistax tressaq ilment dwar proċeduri li ma kenitx parti tagħhom, huwa proprju l-kwistjoni ta' interess ġuridiku li jkun qiegħed jiġi sollevat, fi kliem ieħor.

»Fil-kuntest ta' din il-kawża, filwaqt illi l-kwistjoni ta' interess guridiku u dak tal-*victim status* skond l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea huma konsimili, ma humiex neċessarjament identiċi. L-esponenti jis-sottometti bir-rispett illi fl-umli fehma tiegħu l-ewwel onorabbli qorti żbaljat meta rriteniet li l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti kienet "ibbażata unikament fuq l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni, ma tistax

tintlaqa'". L-ewwel onorabbli qorti kienet obbligata tindaga l-kwistjoni ta' interess *al di là* minn kull kwistjoni dwar kwalifika ta' *victim status,* li għal kull buon fini jigi rilevat li l-qrati tagħna investigaw f'bosta sentenzi u, fejn kien meħtieġ, applikaw tali *status*.

»Kienet daqstant erronja, fl-umli fehma tal-esponenti, ir-riflessjoni tal-ewwel onorabbli qorti li ppreċediet tali konkluzjoni, li "jekk tkun kumpannija ssir defunta, u l-*ex*-soċji li jiskopru li l-l-kumpannija in kwistjoni sofriet danni kawżati mill-istat, allura dawn ma jistgħux jittentaw kawża kostituzzjonali minkejja li l-kumpannija ma għadhiex teżisti!".

»Biex iwieġeb għal din ir-riflessjoni direttament qabel l-aggravju jiġi ttrattat sew, l-esponenti jirrileva li fil-każ prospettat mill-onorabbli prim'istanza ipotetikament, is-soċji jew diretturi għandhom rimedju taħt l-Att dwar il-Kumpanniji fejn jistgħu jitolbu lill-qorti sabiex il-kumpannija tiġi ravvivata. Naturalment, apparti rekwiżiti legali, il-qorti trid tkun tal-fehma li jkun ġust li kumpannija tigi ravvivata. Il-punt huwa li fl-każ ipotetitku pprospettat mill-onorabbli prim'istanza, rimedju xorta jeżisti.

»Issa, fil-kawża odjerna, irriżulta mill-provi li fil-kawża <u>Vella *noe v.* Galea *pro et noe*</u> (ċit. 90/94), l-appellat kien intavola l-kawża bħala direttur "għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Chequers' Inn Operators Ltd*"*.* Anke mill-okkju ta' dik il-kawża għandu jirriżulta ċar u ampju li f'dik il-kawża huwa ma kienx parti fil-vesti personali tiegħu, iżda kienet il-kumpannija li kienet il-parti attriċi.

»Fir-rikors promotur odjern, jirriżulta daqstant ċar illi ssir allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet kostituzzjonali "tal-esponent", *cioè* tal-appellat Anthony Mario Vella personalment, u effettivament l-ewwel talba hija proprju sabiex issir dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fonda-mentali tal-istess appellat Anthony Mario Vella personalment u li kwalunkwe danni li jistgħu jiġu likwidati, morali u pekunjarji, jitħallsu lill-istess appellat Anthony Mario Vella personalment. Fl-istess rikors promotur issir asserzjoni żbaljata fil-premessi, li kien l-appellat person-alment li intavola l-kawża, u mhux il-kumpannija li kien jirrappreżenta.

»Fil-kontro-eżami tiegħu, waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2020, l-appellat stqarr kif il-lukanda mertu tal-kawża ta' spoll ma kenitx proprjetà tiegħu personali.

»Fl-umli fehma tal-esponenti, huwa inkonċepibbli kif persuna li ma kenitx parti f'kawża jkollha interess li tillanja dwar dewmien li sehhet f'dik il-kawża,

»Meta xehed *di proprio* t-tieni darba, fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2020, l-appellat ikkonċeda li din il-kawża kostituzzjonali saret f'ismu bi żball:

> »"Xhud: Ftaħtha f'ismi personali l-ewwel ħaġa għaliex kont qiegħed tal-*legal aid* u ma niżżlux il-kumpannija. Ii-tieni ħaġa għaliex jien kont nieħu l-paga, kont nieħu elf lira Maltin fix-xahar."

»Anke meta mistoqsi mill-qorti, kjarament fuq il-punt ta' interess, jekk kienx qiegħed jagħmel tajjeb hu għall-kumpannija *Chequers Inn Operators Ltd*, apparti l-konferma naqra konfużjonarja da parti tal-appellat, huwa ma ressaq ebda prova kwalsiasi li tassew kellu interess ekonomiku fil-kuntest tal-allegazzjonijiet li għamel, bħal per eżempju li l-*HSBC* ħaditlu d-dar, jew kellu xi *cross guarantees*, jew *personal guarantees* li lkoll intilfu, anke b'*sub hasta*, b'riżultat tad-dewmien tal-kawża ta' spoll tal-kumpannija, Ta' dan kollu ma nġiebet ebda prova –

la tat-telf allegat, u lanqas li dan ġie kkawżat minħabba d-dewmien tal-kawża.

»Għalhekk l-esponenti baqa' sorpriż kif … … … l-onorabbli prim' istanza ħaditha bħala stat ta' fatt li l-appellat kien għamel tajjeb bi ħwejġu personali għad-djun tal-kumpannija – u liema djun jew danni qatt ma ġew ippruvati li seħħew b'konsegwenza tad-dewmien tal-kawża ta' spoll.

»Rinfaċċjat b'eċċezzjoni simili, kien *sta* għar-rikorrent appellat li jġib prova suffiċjenti dwar l-interess ġuridiku tiegħu. Minflok, l-appellat qagħad iwaħħal fl-avukat tal-*legal aid* li nesa jniżżel isem il-kumpannija fil-kawża. Minflok, ikkonferma li l-proprjetà mertu tal-kawża ta' spoll ma kenitx tiegħu personali. Mill-atti jirriżulta ċar li kienet il-kumpannija li għamlet il-kawża ta' spoll, mhux l-appellat. L-appellat ma ressaq ebda prova li ssostni l-allegazzjonijiet tiegħu ta' telf ta' flus jew proprjetà, u lanqas ma ġab prova li tali telf kien konness mad-dewmien fil-kawża ta' spoll.

»Għaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-onorabbli prim' istanza ma kenitx korretta meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti, u għaldaqstant hemm raġunijiet suffiċjenti biex dan l-aggravju jiġi milqugħ, u, konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti tiġi milqugħa.«

8. L-attur wieġeb hekk:

»Għall-ewwel aggravju din hija infondata kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt. Għandu jirriżulta illi Anthony Mario Vella fil-kapaċità personali tiegħu kien imexxi ċ-*Chequers' Inn Hotel* u kien idaħħal paga minn din il-*hotel*. Ukoll kien idaħħal *director's fee* mill-operat tal-*hotel* għax kien direttur tal-kumpannija *Chequers' Inn Operators Limited* u għalhekk meta Tarcisio Galea dak iż-żmien ħa l-pussess tal-*hotel* billi vjolentement keċċa lil Anthony Mario Vella l-istess Anthony Mario Vella titlef l-introjtu tiegħu kollu minnn din l-operazzjoni u għalhekk id-dewmien tal-kawża oriġinali waħħlitlu telf sostanzjali. Dan ukoll jirriżulta mix-xiehda ta' Anthony Mario Vella.

»Ukoll minħabba l-provi li ġew prodotti jirriżulta ċar u tond li l-garanzija li Anthony Mario Vella kien ressaq provi ta' *cross guarantees* u li kellu bħala garanzija dar personali tiegħu u għalhekk tilef dawn l-assi kollha u minħabba d-dwmien kollha ma setax jirkupra l-assi tiegħu.«

9. Jingħad qabel xejn ill tgħid ħażin is-sentenza appellata illi "Ma ngħatat ebda eċċezzjoni fis-sens li r-rikorrent ma għandux interess ġuridiku": l-eċċezzjoni illi l-attur "ma jistax jilmenta bl-allegat dewmien fil-proċeduri … … … għaliex huwa ma kienx parti fihom f'ismu proprju" ma hijiex ħlief eċċezjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku. Il-kwistjoni hi jekk l-interess tal-kumpannija li kienet parti fil-kawża u ġarrbet l-effetti tad-dewmien jistax

jitqies ukoll bħala l-interess meħtieġ għal-leġittimazzjoni attiva tal-attur innifsu bħala azzjonist fil-kumpannija.

10. Jista' jiġri illi ksur tal-jedd ta' kumpannija jwassal għal tnaqqis fil-ġid ta' dik il-kumpannija u dan ikollu konsegwenzi diretti fuq il-ġid tal-azzjonisti għax jonqos il-valur tal-ishma tagħhom fil-kumpannija, u għalhekk jintlaqat interess leġittimu tal-azzjonisti. F'ċirkostanzi bħal dawk, meta l-kumpannija stess – jew għax tkun tħassret mir-reġistru jew għal xi raġuni valida oħra – ma tkunx tista' hija stess tfittex għad-danni u għar-redintegrazzjoni tal-ġid tagħha u, konsegwentement, tal-ġid tal-azzjonisti wkoll, jista' jkun il-każ illi l-azzjonisti jkollhom jedd ta' azzjoni f'isimhom.

11. Fil-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni Ewropea l-interess ta' azzjonist f'soċjetà kummerċjali ma jikkwalifikahx bħala vittma meta nuqqas tal-istat jolqot ħażin is-soċjetajiet li fihom għandu ishma, b'mod li jinkisru d-drittijiet tas-soċjetajiet imħarsa taħt il-konvenzjoni. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li ksur tad-drittijiet tas-soċjetà jitqiesu wkoll ksur tad-drittijiet tal-azzjonista, kif fissret il-Qorti Ewropea ta-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Agrotexim and Others *v.* Greece[1]:

> »66. … … … The Court considers that the piercing of the "corporate veil" or the disregarding of a company's legal personality will be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators. … … …«

1 Rik. 14807/89; 24 ta' Ottubru 1995.

12. Ukoll fil-każ ta' Olczak *v.* Poland[2] il-Qorti Ewropea għamlet distinzjoni bejn l-interessi ta' azzjonisti f'soċjetà kummerċjali u dawk tal-istess soċjetà u qalet illi, f'ċirkostanzi fejn nuqqasijiet tal-istat jolqtu lis-soċjetà, hija biss is-soċjetà li tista' tiftaħ proċeduri sabiex tħares l-interessi tagħha sakemm il-kumpannija għad għandha personalità:

> »59. As regards the distinction between the shareholders' interests and those of the company, it should be recalled that the concept of the public company is founded on a firm distinction between the rights of the company and those of its shareholders. Only the company, endowed with legal personality, can take action in respect of corporate matters. A wrong done to the company can indirectly cause prejudice to its shareholders, but this does not imply that both are entitled to claim compensation. Whenever a shareholder's interests are harmed by a measure directed at the company, it is up to the latter to take appropriate action. An act infringing only the company's rights does not involve responsibility towards the shareholders, even if their interests are affected. Such responsibility arises only if the act complained of its aimed at the rights of the shareholder as such (...) or if the company has been wound up.«

13. Relevanti għall-każ tallum huwa l-aħħar kumment f'din is-silta: "*Such responsibility arises only … … … if the company has been wound up*".

14. Fil-każ tallum ma ntweriex illi l-kumpannija *Chequers' Inn Operators Limited* hija fi stralċ jew tħassret mir-reġistru[3]; għalhekk titqies illi għadha fi stat li tfittex hija stess rimedju jekk iġġarrab ksur tal-jeddijiet tagħha.

15. Barra minn hekk, l-ewwel qorti ma sabitx ksur tal-jedd tal-attur għat-tgawdija ta' ħwejġu; sabet ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri li ma kienx parti fihom. Għalhekk l-argument fit-tweġiba tal-attur illi tilef dħul mill-kumpannija, għalkemm seta' jkollu relevanza li kieku l-ilment kien dwar ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-

---

[2] Rik. 30417/96; 7 ta' Novembru 2002 (deċ.)

[3] Fis-sit tal-*Malta Business Registry* jingħad biss illi l-kumpannija hija "*inactive – not submitting documents*".

proprjetà, strettament ma huwiex relevanti meta l-ilment huwa biss minħabba dewmien.

16. Għalhekk, kemm għax l-attur ma setax kien vittma ta' dewmien fi proċeduri li ma kienx parti fihom, kemm għax l-ilment huwa dwar dewmien fil-proċeduri u mhux dwar indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu, u kemm għax f'kull każ il-kumpannija bħala l-vittma diretta tad-dewmien għadha fi stat li tfittex hi stess rimedju għad-danni li l-attur igħid illi ġarrbet, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku kellha tintlaqa'.

17. L-ewwel aggravju għalhekk għandu jintlaqa' u ma jibqax meħtieġ illi nqisu l-aggravji l-oħra.

18. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ħelset lr-Reġistratur tal-Qrati mill-ħarsien tal-ġudizzju u fejn ikkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-istess reġistratur, u tħassarha fil-bqija; tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku u għalhekk teħles lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju.

19. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr